MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1866/2000/1

**Saviour u Maria konjugi Borg**

**Vs**

**Joseph Scalpello**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi premettew illi huma propjetarji tal-fond numru sebgha u erbghin (47), maghruf bl-isem *“Sam’s Salon”,* Triq Nazju Ellul, Gzira, fil-waqt li l-konvenut huwa propjetarju tal-fond numru hamsa u erbghin (45), Triq Nazju Ellul, Gzira u li huwa aggjacenti ghal dak ta’ l-atturi;

Premess illi fil-propjeta tal-konvenut infethet tieqa li taghti gewwa xaft propjeta ta’ l-attur ;

Premess illi tali agir jista’ jikkreja servitu bit-trapass taz-zmien ghas-skapitu ta’ l-atturi ;
Premess illi l-konvenut debitament interpellat sabiex jaghlaq l-imsemmija tieqa baqa’ inadempjenti ;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara li t-tieqa li nfethet gewwa l-fond numru sitta u erbghin (46), Triq Nazju ellul, Gzira, u li taghti ghal gewwa x-xaft proprjeta tal-atturi, saret minghajr ebda jedd u hija abbuziva u leziva fil-konfront ta’ l-atturi.
2. Tordna lill-konvenut sabiex jirripristina kollox fl-istat originali tieghu billi jaghlaq l-imsemmija tieqa, fi zmien qasir u perentorju kif tistabilixxi din il-Qorti.
3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghlqu t-tieqa in kwistjoni ghas-spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta’ awissu, 2000 u tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Awissu, 2000 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

1. Hu ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li hu ma hux is-sid tal-fond 45, Triq Najzu ellul, Gzira. Ghalhekk ukoll ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-istanti.

2. Sekondarjament u ghar-ragunijiet fuq esposti l-eccipjenti m’ghandu ibaghti l-ebda spejjez ta’ dawn il-proceduri.

**3.** Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti tal-kawza;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat il-verblal tas-7 ta' April, 2003 fejn il-kawza giet differita' ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

**Decizjoni**

Il-Qorti tiddecidi li peress illi l-konvenut ma kienx obbligat li jinforma lil attur li huwa ma kienx il-proprjetarju tal-garage u din l-informazzjoni missu vverifikaha l-attur qabel ipprezenta l-kawza,

Tiddecidi li l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------